**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Frar, 2017

Rikors Kongunt Nru : 367/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-partijiet kienu izzewgu fid-19 ta' Marzu tas-sena elf, disa mija sitta u disghin (19/3/1996) fil-Parocca taz-Zurrieq;

2. Illi l-partijiet kienu isseparaw legalment permezz tal-kuntratt tas-Separazzjoni taghhom datat 6 ta' April tas-sena elfejn u disgha, fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi, kopja hawn annessa;

3. Illi l-partijiet ilhom ma jghixu flimkien iktar minn erba' snin;

4. Illi m'hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment jew arretrati tal-istess;

5. Illi mhemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Talbu ghar-ragunijiet fuq imsemmija li din il-Qorti :

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet li zzewgu fis-19 ta' Marzu 1996 mahlul ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ai termini tal-Artikolu 66A(1) Kapitolu 16;

2. Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi registrat;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Awwissu, 2016;

Semghet lill-partijiet jikkonfermaw ir-rikors promotur bil-gurament taghhom waqt is-seduta tat-2 ta' Frar 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mis-6 ta' April 2009;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.